**Wara San Valentinu**

Issa li għaddiet il-festa
Ta' dawk kollha l-maħbubin,
Ħa mmorru lura għal triqtna
Biex veru ngħinu 'l xulxin.

Xejn xejn noħorġu mill-qoxra
L'għandna tal-egoiżmu,
Minflok ha nitgħallmu nħobbu
B'kotra ta' altruwiżmu.

Hekk il-qlub jerġgħu jingħaqdu
Fl-imħabba tant sinċiera,
Li twettaq w tparla mill-anqas
Għalhekk hi veritiera.

Hi fis-sewwa din l-imħabba
Li bejnietna iġġib faraġ,
Għax tfakkarna illi Alla
Moħħu biex lilna jfarraġ.

Fih jinħallu l-għira u l-ġlied
U anki l-għebusija,
Ta' min moħħu biex jissikka
Jaħseb l'għandu l-qdusija.

Imma qdusija ħawtiela
Tirrispetta l-libertà,
U jekk tindaħal iż-żejjed
Issir tassew krudeltà.

Għalhekk ħa nħobbu minn qalbna
L'Alla u l-għajrna b'ħafna qbil,
U nħallu lil min jgħix ħajtu
Mingħajr paroli w indħil.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.